MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 36/2003/1

**Raymond Caruana**

**Vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrent ippremetta illi hu kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja mputat *inter alia* talli; ikkommetta serq ta' vettura, laqa' ghandu oggetti misruqa, ghamel dikjarazzjoni falza fuq dokument pubbliku, iffalsifika dokument jew ghamel uzu minn dokument iffalsifikat,

ikkommetta diversi reati bi ksur tal-Ligijiet tad-Dwana u tat-taxxa tad-Dwana u Sisa.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 29 ta' Settembru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizijia (Spett. M. Curmi) vs Raymond Caruana**, l-esponent instab hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu hlief ghal dawk ta' serq u li ghamel jew wera dokument falz, u gie kkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u multa ta' Lm41,125.

Illi mis-sentenza hawn fuq indikata gew interposti zewg appelli; wiehed mill-esponent (Appell Numru 190/2003) li fih talab ir-riforma tas-sentenza billi tithassar fil-parti fejn gie misjub hati u kkundannat il-piena u tigi konfermata fil-kumplament, l-iehor mill-Avukat Generali (Appell Numru 183/2003) li bih talab li b'zieda mal-piena nflitta l-Qorti kellha zzid il-konfiska tal-vettura mertu tal-imputazzjonijiet li ghandha valur ta' Lm17,500.

Illi l-appelli kemm tal-esponent kif ukoll tal-Avukat Generali kienu minn natura taghhom intrisikament marbutin flimkien peress illi s-sottomissjonijiet ta' wiehed jekk accettati kienu jgibu rizultat dijametrikament oppost ghal dak mitlub fl-appell l-iehor, u ghalhekk kien hemm sitwazzjoni fejn l-unika ezitu legalment u logikament sostenibbli kien ikun li jintlaqa' wiehed biss mill-appelli u jigi respint l-iehor.

Illi z-zewg appelli gew appuntati ghas-smiegh ghall-jum il-Hamis, 13 ta' Novembru, 2003. F'dik id-data pero' fuq talba tal-esponent appellant l-appelli gew it-tnejn differiti ghas-16 ta' Dicembru, 2003.

Illi fis-16 ta' Dicembru z-zewg appelli hawn fuq indikati kienu numru 1 u 2 fuq il-lista u kienu appuntati t-tnejn ghas-smiegh fid-disgha ta' filghodu, u meta ssejhu fid-9 a.m. preciz kien prezenti biss l-Avukat Generali filwaqt li l-esponent naqas illi jidher.

Illi malli rat hekk il-Qorti ghaddiet biex tiddikjara l-appell tal-esponent dezert, u wara li semghet lill-Avukat Generali biss ghaddiet biex taghti sentenza fuq l-appell minnu nterpost billi laqghet it-talba tieghu ghall-impozizzjoni tal-konfiska b'zieda mal-piena gia nflitta.

Illi ftit minuti wara biss l-esponentipprezenta ruhu assistit mill-avukat tieghu fl-awla fejn kellu jigi trattat l-appell tieghu biss biex jigi nfurmat illi dan kien gie ddikjarat dezert peress illi huwa ma deherx meta hekk imsejjah.
Illi dakinhar stess l-esponent ipprezenta rikors b'dikjarazzjoni guramentata tieghu li bih talab sabiex il-Qorti terga' tappunta l-appell tieghu ghas-smiegh.

Illi b'digriet tas-19 ta' Dicembru l-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet it-talba tal-esponent sabiex l-appell tieghu jerga' jigi mqieghed fuq il-lista tal-kawzi appuntati ghas-smiegh.

Illi pero' u kif daltronde l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet fid-digriet taghha stess, peress illi l-Qorti kienet gia ddisponiet mill-appell tal-Avukat Generali billi laqghet l-istess, imponiet l-ordni tal-konfiska tal-vettura u kkonfermat is-sentenza appellata fl-intier taghha biex hekk l-istess sentenza ghaddiet immedjatament in gudikat, hija ma kienetx aktar legalment u guridikament gustifikata li qatt tasal ghal kwalsiasi konkluzzjoni ohra differenti fuq l-istess sentenza biex hekk l-appell tal-esponent ma seta' qatt jigi kkunsidrat minn dik il-Qorti, u kien ghalhekk bla skop illi terga' tappunta l-istess appell ghas-smiegh.

Illi in vista ta' dak suespost u cioe' li z-zewg appelli kienu tali illi jikkancellaw wiehed lil iehor, kienet zbaljata l-Qorti tal-Appell Kriminali meta qabdet u ddecidiet dwar l-Appell tal-Avukat Generali billi laqghet l-istess minghajr ma halliet imqar il-perjodu ta' erbat ijiem, (li huwa l-perjodu predispost fl-Artikoli 422 tal-Kodici Kriminali sabiex jigi ntavolat rikors opportun fejn jintalab illi appell li jkun gie dikjarat dezert jerga' jigi appuntat), jghaddi biex hekk ma halliet l-esponent ebda possibilta' reali li jinghata verament id-dritt u l-opportunita' li jitratta l-appell tieghu.

Illi ghalhekk u ghal ragunijiet ohra li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni orali ta’ dan ir-rikors, l-esponent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq quddiem Qorti jew Tribunal indipendenti u mparzjali proprju ghaliex huwa fil-fatt qatt ma nghata l-opportunita' li jitratta l-appell tieghu.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi d-decizjonijiet finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spett. M. Curmi) vs Raymond Caruana Appell Numru 183/2003 u 190/2003** inghataw bi ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minn Qorti jew Tribunal indipendenti u mparzjali kif sancit mill-Kostituzzjoni u mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem;

2. Taghti kwalunkwe rimedju effettiv fic-cirkostanzi nkluz, pero’ mhux biss, li thassar u tikkancella d-decizjonijiet suriferiti tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tordna r-ritrattazzjoni taz-zewg appelli minn dik l-istess Qorti.

Bl-ispejjez.

Rat **ir-risposta ta’ l-intimat** a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

Illi din il-kawza titratta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali illi huwa kif gej:

**422**.

(1) “Jekk, fil-jum tas-smiegh ta’ l-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tieghu jinghadd dezert u s-sentenza appellata tigi esegwita; imma fuq rikors ta’ l-appellant, ipprezentat fi zmien erbat ijiem mill-gurnata fuq imsemmija, flimkien ma dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant quddiem ir-registratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-volonta’ tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setghax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-Qorti taghti gurnata ohra ghas-smiegh ta’ l-appell, u, f’dan il-kaz, jghoddu d-dispozizzjonijiet ta’ l-ahhar artikolu qabel dan.

(2) Meta ma jidhirx l-appellat, il-Qorti tisma' l-appellant, u taghti s-sentenza skond il-ligi".

Illi skond l-imsemmi artikolu n-nuqqas ta' dehra tal-appellat itellfu biss id-dritt li jaghmel sottomissjonijiet orali (minhabba li din hija wkoll, del resto, l-konsegwenza naturali tal-assenza mis-smiegh) mentri n-nuqqas ta' dehra tal-appellant twassal, salv il-gustifikazzjoni, ghad-dezerzjoni tal-appell u ghall-astensjoni minn kull konsiderazzjoni tieghu.

Illi sostanzjalment ir-rikorrent qed jilmenta mill-applikazzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu billi qieghed jilmenta illi bis-smiegh u d-decizjoni tal-appell tal-prosekuzzjoni fl-assenza tieghu, l-appell tieghu li ghalih ukoll huwa ma deherx, gie rez inutili.

Illi dwar dan l-esponent jirrispondi preliminarjament, salv li jkollu opportunita' illi jezamina l-atti relattivi, kif gej:

a. La darba r-rikorrent ma kellux gustifikazzjoni ghan-nuqqas ta' dehra tieghu kif trid il-ligi (kif ritenut ukoll fid-digriet tad-19 ta' Dicembru, 2003 citat fir-rikors promotur) il-konsegwenza tad-dezerzjoni tal-appell hija wahda *ex lege* li ghaliha jerfa' r-responsabbilta' r-rikorrent stess u dan ma jgibx bhala konsegwenza xi vjolazzjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq;

b. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess illi la darba s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali nghatat wara illi l-Qorti ezaminat il-meritu tal-kawza (haga illi kellha bilfors taghmel biex tiddeciedi dak l-appell fejn hija setghet ukoll tbiddel is-sentenza), huwa car illi l-fatt illi l-meritu tat-tieni appell intavolat mir-rikorrent gie b'hekk ezawrit u li ghas-smiegh tieghu kienet tosta l-awtorita' tar-*res iudikata*, lanqas ma jimporta ebda vjolazzjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

Rat id-decizjoni preliminari taghha tat-23 ta’ April 2004 a fol 28;

**PROVI**

Ir-rikorrent xehed li kien mar il-Qorti xi disgha neqsin kwart. Stenna lill Avukati isfel (fil-Qorti tal-Magistrati) u l-Avukat gie xid disgha u kwart u meta telghu fuq fejn kellu jinstemgha l-Appell x’hin dahal l-Avukat jiccekkja, sab li l-Appell tieghu kien diga gie deciz. Qabel dina s-seduta kienet saret seduta ohra qabel fejn kien intalab differiment mill-appellant billi l-Avukat tieghu kien imsiefer. Hu kien inghata differiment. Skond il-verbal ta’ dik is-seduta (ara fol 11) il-Qorti ddifferit l-Appell ghas 16 ta’ Dicembru 2003 fid- 9.00 a.m. ***f’liema data l-kawza tigi trattata zgur bla ma jinghata ebda differiment iehor***.

L-intimatipprezenta kopja tas-segwenti verbali u dokumenti bhala konferma tal-fatti kif graw (ara fol. 10)

Fil-verbal tas-16 ta’ Dicembru, 2003 (ara fol 12) meta ssejjah l-appell, (ta’ l-Avukat Generali ) (**186/2003)** l-appellant Raymond Caruana, debitament notifikat … baqa’ ma deherx. L-appellat rega’ gie imsejjah diversi drabi naqas li jidher. L-appell gie trattat. Inghatat sentenza.

Skond il-verbal a fol. 13 meta issejjah l-appell **190/2003,** Raymond Caruana debitament notifikat … baqa’ ma deherx. Il-Qorti, rat l-artikolu 422 (1) tal-Kap 9, tiddikjara l-appell tieghu dezert, u ghalhekk ma tiehux aktar konjizzjoni tieghu.

Raymond Caruana kien ghamel rikors (ara fol 18) fejn talab li l-Qorti joghgobha a termini ta’ l-artikolu 422(1) tal-Kap 9 taghti gurnata ohra tas-smiegh ta’ l-appell tieghu. Dina t-talba giet michuda b’degriet tal 19 ta’ Dicembru 2003 (fol 20) billi r-rikorrent biex jispjega l-assenza tieghu mis-seduta ma gab ebda raguni li taqa taht mard jew xi raguni indipendenti mill-volonta’ tieghu u kienet ghazla tieghu li jibqa fis-sular t’isfel meta kien jaf li l-appell kien se jinstemgha fit-tieni sular. **Inoltre z-zewg appell issa gew**

**definitivament decizi u ghalhekk mhux aktar legalment u guridikament possibbli li l-Qorti tasal ghal xi konkluzzjoni differenti**.

**KONTESTAZZJONI TAR-RIKORRENT**

Ir-rikorrent qed jissottometti li meta l-Qorti cahditlu t-talba minghajr ma halliet imqar il-perjodu ta' erbat ijiem jghaddu, li huwa l-perjodu predispost fl-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali sabiex appell li jkun gie dikjarat dezert jerga' jigi appuntat, l-esponent baqa' minghajr ebda possibilta' reali li jinghata verament id-dritt u l-opportunita' li jitratta l-appell tieghu u dana bi ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Sottomissjoni ta' l-intimati**

L-intimat isostni li la darba r-rikorrent ma kellux gustifikazzjoni ghan-nuqqas ta' dehra tieghu kif gie ritenut fid-digriet tad-19 ta' Dicembru, 2003 il-konsegwenza tad-dezerzjoni tal-appell hija wahda *ex lege* u ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni ghalhekk tad-dritt ghas-smiegh xieraq.

**LIGI**

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jiddisponi:

*In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.*

Art 39 tal-Kostituzzjoni.

(1) *Whenever any person is charged with a criminal offence he shall, unless the charge is withdrawn, be afforded a fair hearing within a reasonable time by an independent and impartial court established by law.*

(2) *Any court or other adjudicating authority prescribed by law for the determination of the existence or the extent of civil rights or obligations shall be independent and impartial; and where proceedings for such a determination are instituted by any person before such a court or other adjudicating authority, the case shall be given a fair hearing within a reasonable time*.

Skond l-awturi in materja**,** Article 6(1) of the European Convention on Human Rights does not guarantee a right of appeal from a decision by a court complying with article 6 in either criminal or non-criminal cases. If, however, a state in its discretion provides a right of appeal, then proceedings before the appellate court are to be governed by Article (6)(1).**{Decourt vs Belgium A 11(1970)}.**

Ghalhekk il-provedimenti ta' l-artikolu 6 dwar d-dritt ghall smiegh xieraq japplikaw ukoll fl-istadju ta' l-appell li minnu qed jilmenta r-rikorrent.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet ddikjarat l-appell tar-rikorrent dezert billi hu ma kienx deher. Fl-istess hin ittrattat u laqghet dak in nhar stess l-appell tal-Avukat Generali u ordnat il-konfiska tal-vettura . L-appell ta' l-Avukat Generali ma kienx gie differit ghas-sentenza ghal wara l-erbat ijem prevvisti mill-Art 422 imma s-sentenza nghatat dak il-hin stess cjoe fis-16 ta' Dicembru, 2003 u dina s-sentenza kienet wahda motivata (ara fol 16/17).

Meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet l-appell tal-Avukat Generali u laqghet l-istess, hi kkonfermat is-sentenza appellata fl-intier taghha u legalment u guridikament, kif qalet l-istess Qorti, hi ma setghet qatt tasal ghal kwalsiasi konkluzzjoni ohra differenti fuq l-istess sentenza billi z-zewg appelli kienu tali li jikkancellaw wiehed lill iehor.

Ghalkemm, kif jirritjeni l-intimat, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabet fid-degriet taghha tas 19 ta' Dicembru

2000 li rikorrent ma kienx iggustifika l-assenza tieghu, imma anke kieku kien hemm raguni valida , it-talba tieghu biex jerga jigi appuntat l-Appell qatt ma setghet tigi milqugha minn dik il-Qorti, u ma kienx ikun hemm skop illi jerga' jigi appuntat.

Meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddecidiet favorevolment l-Appell tal-Avukat Generali minghajr ma halliet ighaddi il-perjodu ta' erbat ijiem skond l-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali r-rikorrent gie minghajr ebda possibilta' reali li jinghata verament id-dritt u l-opportunita' li jitratta l-appell tieghu. Dan qalitlu l-istess Qorti ta' l-Appell meta ddegretat li ma kienx aktar legalment u guridikament possibbli li l-Qorti qatt tasal ghal xi konkluzzjoni differenti.

Skond il-kazistika tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, *"the notion of effectiveness requires that the alleged victim should be able to use the remedy in practice rather that just in theory*" (Allenet De Ribemont u Delcourt ).

Il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ma kellu ebda *chance* li jinghata rimedju effettiv taht l-artikolu 422 billi l-appell tieghu kien gie irremedjabilment kompromess. Il-fatt li gie deciz li ma kien hemm ebda bazi biex tiggustifika l-assenza tar-rikorrent ghas-smigh ta' l-Appell tieghu, tista, fic-cirkostanzi, idahhal f'mohh ir-rikorrent li setgha kien hemm *bias* kontra tieghu, ghalkemm ma gie allegat xejn f'dan is-sens. Izda jibqa' l-fatt li f'kazijiet bhal dawn "*even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire, and above all in the parties to the proceedings*". (Dakatras).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' talba tar-rikorrent
u tiddikjara li kien hemm lezjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq;

fic-cirkostanzi tannulla z-zewg sentenzi imsemmija (appelli 183/2003 u 190/2003)
u tordna li l-atti jergghu jintbaghatu quddiem il-Qorti li tghat dawn is-sentenzi biex l-appelli jerghgu jigi appuntati u eventwalment decizi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------